Diskors li sar minn Tony Terribile fil-knisja parrokkjali tagħna f'nofs Diċembru 2008 meta l-Parroċċa fakkret lil

# Dun Pawl Vella
## l-fundatur tal-parroċċa tagħna

Il-lejla nġbarna hawnhekk biex infakkru l-mija u ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tas-saċerdot Dun Pawl Vella. Diġà smajtu min kien dan il-qassis u kemm ħadem biex bena l-knisja parrokkjali tagħna. Dun Pawl twieled, għex u miet fis-seklu dsatax. Kien seklu interessanti għall-istorja tal-Knisja Universali u kif ukoll għal gżiritna.

### Għaliex?

Inħarsu l-ewwelnett lejn il-Knisja Universali. Għal medda twila ta' 32 sena din kienet immexxija mill-Papa Piju IX, illum Beatu. Kien dan il-Papa li kellu jħabbat wiċċu ma' għadd ta' kwistjonijiet politiċi Taljani. Kien hu li laqqa l-ewwel Konċilju Vatikan fl-1869 iżda li kellu jintemm ħesrem sena wara minħabba l-invażjoni tal-belt ta' Ruma iżda dan il-Papa hu marbut b'rabta intima ma' Marija Immakulata billi nhar it-8 ta' Diċembru 1854 ipproklama id-Domma tal-Fidi li tabilħaqq Marija Santissima tnisslet mingħajr id-dnub oriġinali. Dan il-Papa ħabb ukoll l-artijiet tal-Missjoni kemm hu hekk matul il-pontifikat tiegħu waqqaf 33 vigarjat u 15-il prefettura fl-artijiet tal-Missjoni. Ta wkoll l-approvazzjoni tiegħu għat-twaqqif ta'għadd ta' Istituti Missjunarji fosthom ta' wieħed Franċiż mibdi minn Padre Ġulju Chevalier devot kbir tal-Qalb ta' Ġesù u tal-Madonna. Ġrajja oħra kbira li seħħet matul il-pontifikat ta' Piju IX kienu id-dehriet tal-Madonna f'Lourdes fl-1858 li matulhom il-Madonna ikkonfermat li tabilħaqq hi l-Immakulata Kunċizzjoni.

Matul dawn is-snin li semmejna Malta kienet taħt il-ħakma Ingliża. Tas-Sliema kienet fl-aqwa tal-iżvilupp tagħha, kemm hu hekk fis-sena 1878 tas-Sliema infirdet mill-Matriċi ta' Birkirkara u saret Parroċċa għaliha. Sir Temi Zammit l-ewwel Malti li kiteb dwar tas-Sliema jgħidilna li hawnhekk il-bini beda tiela bħal ħabaq, dar wara oħra, triq wara oħra. Kien dan l-iżvilupp li ressaq lil Dun Pawl Vella lejn tas-Sliema. F'dawk iż-żminijiet Malta kienet nieqsa ħafna mill-meżżi ta' komunikazzjoni, kull ma' kien hawn ftit ħafna gurnali u perjodiċi,għax numru kbir ta' Maltin kienu illitterati, iżda Dun Pawl bħala bniedem intelligent kien isegwi dak li kien jiġri 'l barra mix-xtut tagħna. Kien jaf x'qed iwettaq Piju IX u Padre Gulju Chevalier f'Issoudun fi Franża, u mhux Dun Pawl biss kien qiegħed isegwi dak li kien qed jagħmel Padre Chevalier, kemm hu hekk insibu li fl-1874 fil-Parroċċa tal-Furjana twaqqfet il-fratellanza tal-Madonna tas-Sacro Cuor, u sena wara twaqqfet oħra fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, iżda l-Madonna inqdiet b'Dun Pawl Vella biex hawn f'Tas-Sliema jibni knisja ddedikata lil Madonna tas-Sacro Cuor. Dun Pawl aċċetta dak li xtaqet il-Madonna minnu u bena din il-Knisja, u fi ftit żmien din saret ċentru ta' devozzjoni lejn dan it-titlu ġdid f'ġieħ il-Madonna mibdi minn Padre Ġulju Chevalier b'approvazzjoni ta' Piju IX.

Il-Patrijiet Franġiskani li ġew warajh komplew il-ħidma mibdija minn Dun Pawl u minn hawn din id-devozzjoni ġriet f'diversi knejjes f'Malta u Għawdex. F'Malta għandna knisja oħra ddedikata lil Madonna tas-Sacro Cuor. Din tinsab fiż-Żejtun u hi magħrufa bħala tas-Sinjura għar-raġuni li kienet bnietha is-Sinjorina Margerita dei Conti Manduca.

Knisja oħra tinsab fi Strada Palma ir-Rabat Għawdex, magħquda mal-Casa Madre tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, magħrufa bħala ta' L-Istilla. Din inbniet mis-saċerdot Dun Ġwann Diacono.

Din id-devozzjoni daħlet ukoll fil-Belt tal-Isla fl-aħħar tas-seklu dsatax. Sal-lum wieħed għadu jista' japprezza statwa mill-isbaħ merfugħa f'niċċa tal-fidda. Kif diġà għidna fl-1874 fil-Parroċċa tal-Furjana twaqqfet il-fratellanza tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Din kellha altar fil-kappellun tal-Kurċifiss li għadu hemm sal-lum bi kwadru sabieħ impitter minn Pietro Gagliardi u kif ukoll statwa sabiħa fl-injam. Fl-1875 twaqqfet il-fratellanza fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u sal-lum f'din il-Parroċċa għad hemm statwa maħduma minn Carlo Darmanin u kif ukoll sotto kwadru impitter minn Giovanni Battista Conti. Statwa oħra tal-Madonna tas-Sacro Cuor maħduma minn Carlo Darmanin tinsab fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija Ħ'Attard. In-nies tar-raħal jafu din l-istatwa bħala tas-Sultana.

Kwadru u altar ieħor iddediekat lil Madonna tas-Sacro Cuor jinsab fil-Parroċċa ta' Marija Bambina l-Mellieħa u ieħor fil-knisja arċipretali ta' Santa Margerita tas-Sannat Għawdex bi kwadru sabieħ impitter minn Mikiel Bellanti. Żewġ statwi oħra

sbieħ tal-Madonna tas-Sacro Cuor wieħed jista' jarahom waħda fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta fejn għandna statwa tal-kartapesta u oħra tal-injam fil-knisja tas-sorijiet tal-Bon Pastur Ħal Balzan.

Fil-monasteri tas-Sorijiet Klawstrali ta' Santa Margerita Bormla u tas-Santa Skolastika l-Birgu huma meqjuma żewġ statwi kbar u sbieħ. Statwa oħra tal-Madonna tas-Sacro Cuor tinsab f'niċċa bejn il-pilastri maġġuri taħt il-koppla tal-knisja tal-Franġiskani l-Imġarr Għawdex.

F'waħda mit-toroq ta' Ħal Kirkop hemm niċċa tal-ġebel tal-Madonna tas-Sacro Cuor u l-istess fl-Imqabba, u kif inhu xieraq hawn tas-Sliema għandna erbgħa, waħda fi Sqaq San Elija, oħra fi Triq San Vinċenż, oħra fi Triq San Ġwann Battista kantuniera ma' Triq il-Karmnu u oħra fi Triq Rudolph. Din hi l-eqdem waħda għax tmur lura għas-sena 1881.

Żgur li Dun Pawl Vella u l-Patrijiet Minuri kellhom sehem kbir fit-tixrid ta' din id-devozzjoni madwar il-gżejjer tagħna iżda żgur li l-aqwa teżor li ħallielna Dun Pawl hi l-istatwa artistika maħduma minn Gerolamo Darmanin u għalhekk hu xieraq li llum f'dan l-anniversarju lil Dun Pawl ngħidulu Grazzi minn qalbna ta' din l-istatwa li għadna ingawdu sal-lum filwaqt li waqt li inħarsu lejha nitolbuha tidħol għalina u tgħina naslu ħdejn Dun Pawl fl-eternità.

# Appell lit-tfal u 'l-ġenituri tagħhom

Fil-Parroċċa tagħna għandna tliet għaqdiet li jieħdu ħsieb it-tfal subien u bniet u għalhekk ikun tajjeb u xieraq li t-tfal tal-Parroċċa indarruhom minn issa jagħtu sehemhom fil-parroċċa.

Dawn it-tliet gruppi huma l-Mużew tas-subien li jinsab fi Triq Santa Marija, il-Kor San Damjan għat-tfal subien u bniet u l-Grupp tal-Abbatini li jiltaqgħu ċ-Ċentru.

***Għal aktar tagħrif tistgħu l-ewwelnett tikkuntatjaw lill-Kappillan jew lil Michael Axiaq għall-Mużew, lil James Perry u Therese Vella għall-Kor San Damjan u lil Tony Terribile għall-grupp tal-abbatini.***

STEP IN

For all your daily needs

JERRY ZAMMIT STR.,
MSIDA

TEL: 21320495